Nru./No. 21,134
Prezz/Price
€0.72

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 18 ta' Ottubru, 2023
Wednesday, 18th October, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 12,013 - 12,017
Government Notices ..... *12,013 - 12,017*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,018 - 12,024
Court Notices ..... *12,018 - 12,024*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1435

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Ħatra tal-Membri tal-Public Broadcasting Services Ltd

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-ħatriet tad-Diretturi tal-Public Broadcasting Services Ltd biex jieħdu l-pożizzjonijiet vakanti wara r-riżenji, kif ġejjin:

Dott. Franco Galea, ħatra b'seħħ mill-15 ta' Ġunju, 2023, u valida sat-12 ta' Ġunju, 2025;

Is-Sur Norman Hamilton, ħatra b'seħħ mill-4 ta' Ottubru, 2023, u valida sat-12 ta' Ġunju, 2025.

Is-16 ta' Ottubru, 2023

Nru. 1436

AWTORITÀ TAD-DJAR

Bord ta' Diretturi

NGĦARRFU b'din illi, skont l-Artikolu 6 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261), il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli għoġbu jaħtar lis-Sur Kenneth Busuttil bħala Deputat Chairperson tal-Bord ta' Diretturi tal-Awtorità tad-Djar minflok is-Sur George Coleiro.

Din il-ħatra tibqa' valida sat-12 ta' Ġunju, 2024.

It-18 ta' Ottubru, 2023

Nru. 1437

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET

Ordni għal Eżenzjoni mill-Applikazzjoni tal-Proviso tal-Artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512), il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet għamel dan l-ordni li ġej:

Ir-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Emenda No 3) huma b'dan eżenti mill-

GOVERNMENT NOTICES

No. 1435

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Members of the Public Broadcasting Services Ltd

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the appointments of the following Directors of the Public Broadcasting Services Ltd to fill in positions vacated after resignations, as follows:

Dr Franco Galea, appointment is with effect from 15th June, 2023, and valid up to 12th June, 2025;

Mr Norman Hamilton, appointment is with effect from 4th October, 2023, and valid up to 12th June, 2025.

16th October, 2023

No. 1436

HOUSING AUTHORITY

Board of Directors

IT is hereby notified that, in terms of Article 6 of the Housing Authority Act (Cap. 261), the Minister for Social and Affordable Accommodation has appointed Mr Kenneth Busuttil as Deputy Chairperson of the Board of Directors of the Housing Authority instead of Mr George Coleiro.

This appointment shall remain valid until 12th June, 2024.

18th October, 2023

No. 1437

MINISTRY FOR THE ECONOMY, EUROPEAN FUNDS AND LANDS

Application of the Proviso to Article 3(2)(b) of the Small Business Act (Exemption) Order

IN exercise of the powers conferred by article 18(1) of the Small Business Act (Cap. 512) the Minister for the Economy, European Funds and Lands has made the following order:

The Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services (Amendment No 3) Regulations, 2023 are hereby exempt from the application of article 3(2)(b) of the Small

applikazzjoni tal-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar peress li l-miżuri previsti fil-leġiżlazzjoni msemmija huma meħtieġa b'mod urġenti sabiex jipprovdu aktar ċertezza legali fir-rigward ta› operaturi liċenzjati.

Business Act for the reason that the measures established in the mentioned legislation are urgently required to provide further legal certainty with regard to licenced operators.

It-18 ta' Ottubru, 2023

18th October, 2023

No. 1438

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

Anness 1

Noti ta' Spjegazzjoni[1] – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Emenda Nru. 3)

1. Introduzzjoni

Permezz tar-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Emenda Nru 3), (minn hawn il quddiem imsejħa "ir-regolamenti emendatorji"), l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Transport Malta") emendat ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (L.S. 65.33. u L.S. 499.68) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali").

2. Sommarju u sfond

L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jiċċara l-faċilità tal-iggaraxxjar ta' vetturi żgħar għall-ġarr ta' passiġġieri. L-operaturi li joperaw flotot ta' erba' (4) vetturi jew inqas għandhom ikunu koperti mill-permess rilevanti tal-Awtorità tal-Ippjanar. L-operaturi li joperaw flotot ta' ħames (5) vetturi jew aktar għandhom jipprovdu lil Transport Malta bil-permess tal-iżvilupp relattiv li japprova l-użu tal-faċilità tal-iggaraxxjar bħala garaxx għas-servizz pubbliku.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti emendatorji huma magħmula minn tmien (8) regolamenti u jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

Ir-regolament 1 – Titolu.

Ir-regolament 2 – Tifsira ta' "faċilità tal-iggaraxxjar".

Ir-regolament 3 - Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

Ir-regolament 4 - Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

Ir-regolament 5 - Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

Ir-regolament 6 - Jemenda r-regolament 56 tar-regolamenti prinċipali.

[1]Dawn in-Noti ta Spjegazzjoni huma għall-finijiet ta' u skont l-Artikolu 3(2)(ċ) u l-Iskeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-regolament 7 - Jemenda r-regolament 61 tar-regolamenti prinċipali.

Ir-regolament 8 - Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju fuq partijiet u artikoli

Ir-regolament 2: Iżid it-tifsira ġdida ta' faċilità tal-iggaraxxjar li fih vetturi żgħar għall-ġarr ta' passiġġieri għandhom ikunu pparkjati jew iggaraxxjati.

Ir-regolament 3: Jipprovdi li l-applikant jagħti prova li l-faċilitajiet tal-iggaraxxjar imsemmija fuq il-liċenzja tiegħu huma għall-użu esklussiv tiegħu. L-applikant għandu jissottometti wkoll rapport minn perit bil-warrant li jikkonferma l-indirizzi u l-pjanti tas-sit ta' kull faċilità tal-iggaraxxjar, inkluż in-numru ta' spazju għall-karozzi u f'każijiet ta' operaturi b'ħames (5) vetturi jew aktar jipprovdi l-permess ta' żvilupp relattiv li japprova l-użu tal-faċilità tal-iggaraxxjar bħala garaxx għas-servizz pubbliku.

Ir-regolament 4: L-applikant għandu jipprova li għandu għad-dispożizzjoni u għall-użu esklussiv tiegħu parkeġġ mhux fit-triq għall-vetturi kollha reġistrati taħt il-liċenzja tal-operatur tiegħu. L-operatur għandu jipprovdi wkoll rapport minn perit bil-warrant fir-rigward tal-faċilitajiet tal-iggaraxxjar stabbiliti fil-liċenzja tiegħu, li għandu jinkludi l-indirizzi tal-postijiet, in-numru totali ta' spazji tal-vetturi u f'każijiet ta' operaturi b' ħames (5) vetturi jew aktar jipprovdi l-permess ta' żvilupp relattiv li japprova l-użu tal-faċilità tal-iggaraxxjar bħala garaxx għas-servizz pubbliku.

Ir-regolament 5: Jipprovdi li s-sewwieqa matul il-ħinijiet tax-xogħol jew ix-xift tagħhom ma jkunux meħtieġa li jirritornaw lejn il-garaxx tagħhom u jitħallew iħallu l-vetturi tagħhom ipparkjati legalment fit-triq soġġett għall-kundizzjoni u l-limitazzjonijiet provduti fis-subregolament (2) tar-regolament 17. L-operatur għandu javża lill-Awtorità li ma jistax jagħmel użu mill-faċilità tal-iggaraxxjar elenkata fuq il-liċenza ta' operator tiegħu fi żmien sebat (7) ijiem. L-Awtorità tista' tagħti lill-operatur żmien biex isib faċilitajiet tal-iggaraxxjar alternattivi. Meta l-operatur japplika biex iżid aktar vetturi taħt il-liċenza ta' operatur tiegħu huwa għandu jiżgura li l-faċilità tal-iggarraxxjar eżistenti tista' takkomoda l-vetturi addizzjonali.

Ir-regolament 7: Dan jipprovdi l-obbligu fuq l-operatur li jitlob permess mill-Awtorità qabel ma jipproċedi bit-trasferiment ta' liċenzja ta' vettura żgħira għall-ġarr ta' passiġġieri jew ta' liċenzja ta' vettura bil-mutur għall-kiri lil parti terza.

Ir-regolament 8: Din hija dispożizzjoni tranżitorja, li permezz tagħha l-operaturi jingħataw tnax-il (12) xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti biex jikkonformaw mal-kontenut tagħhom.

5. Taqsima tal-konklużjoni

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni.

Għal aktar informazzjoni jew kjarifika dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jekk jogħġbok irreferi l-mistoqsijiet tiegħek lil Transport Malta permezz ta' imejl fuq info.tm@transport.gov.mt .

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-18 ta' Ottubru, 2023

No. 1438

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

Annex 1

Explanatory Notes[1] – Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services (Amendment No. 3) Regulations, 2023

1. Introduction

By means of the Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services (Amendment No. 3) Regulations, 2023 (hereinafter referred to as "the amending regulations"), the Authority for Transport in Malta (hereinafter referred to as "Transport Malta") amended the Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services Regulations (S.L. 65.33. and S.L. 499.68) (hereinafter referred to as "the principal regulations").

2. Summary and background

The scope of these regulations is to clarify the garaging facility of light passenger transport vehicles. Operators operating fleets of four (4) vehicles or less shall be covered by the relevant Planning Authority permit. Operators operating fleets of five (5) or more vehicles are to provide Transport Malta with the relative development permit approving the use of the garaging facility as a public service garage.

3. Overview of the structure of the instrument

The amending regulations are made up of eight (8) regulations and consist of the following:

Regulation 1 – Citation.

Regulation 2 - Definition of "garaging facility".

Regulation 3 - Amends regulation 5 of the principal regulations.

Regulation 4 - Amends regulation 7 of the principal regulations.

Regulation 5 - Amends regulation 17 of the principal regulation.

Regulation 6 - Amends regulation 56 of the principal regulations.

Regulation 7 - Amends regulation 61 of the principal regulations.

Regulation 8 - Adds new regulation to the principal regulations.

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of Chapter 512 of the Laws of Malta.

4. Commentary on parts and articles

Regulation 2: Adds a new definition of garaging facility whereby light passenger transport vehicles shall be parked or garaged.

Regulation 3: Provides for the applicant to prove that the garaging facilities stated on his licence are for his exclusive use. The applicant shall also submit a report by a warranted architect confirming the addresses and site plans of every garaging facility, including the number of vehicle spaceS and in cases of operators with five (5) or more vehicles provide the relative development permit approving the use of the garaging facility as a public service garage.

Regulation 4: The applicant has to prove that he has at his disposal and for his exclusive use off-street parking for all vehicles registered under his operator licence. The operator must also provide a report by a warranted architect in relation to the garaging facilities set out in his licence, which shall include the addresses of the locations, total number of vehicle spaces and in cases of operators with five (5) or more vehicles provide the relative development permit approving the use of the garaging facility as a public service garage.

Regulation 5: Provides that drivers during their work or shift hours are not required to return to their garage and are allowed to leave their vehicles parked legally on the road subject to condition and limitations provided for in sub-regulation (2) of regulation 17. The operator shall bring to the attention of the Authority that he is unable to make use of the garaging facility listed on his operator licence within seven (7) days. The Authority may grant the operator time to find alternative garaging facilities. Where the operator applies to add more vehicles under his operator licence he shall ensure that the existing garaging facility can accomodate the additional vehicles.

Regulation 7: This provides the obligation on the operator to seek permission from the Authority before he proceeds with the tranfer of a light passenger transport vehicle licence or a motor vehicle for hire licence to a third party.

Regulation 8: This is a transitory provision, whereby operators are given twelve (12) months from the coming into force of these regulations to conform with their contents.

5. Concluding section

These regulations shall come into force on publication.

For more information or clarification on the implementation of these regulations, kindly refer your queries to Transport Malta via email on (info.tm@transport.gov.mt).

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

18th October, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2085

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Marzu, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Jennifer Abela vs Mary Anne Apap, Rikors numru 61/2023JM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Mary Anne Apap a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Jennifer Abela (KI 0569060M) vs Mary Anne Apap (KI 0172254M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-7 ta' Frar, 2023, ir-rikorrenti Jennifer Abela talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jisma' u jiddeċiedi din il-kawża skont is-segwenti talbiet bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara li l-kirja effetwata favur l-intimata in relazzjoni mal-fond 25, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa, hija llum terminata; u

3. Jordna l-iżgumbrament tal-intimata mill-fond 25, Misraħ il-Knijsa, Birżebbuġa, entro terminu qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż legali, l-intimata inġunta issa in subizzjoni.

Rikorrenti: Green Lawns, 69, Triq il-Vlontin, Birkirkara

Notifika: 25, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa

Ir-rikors fl-ismijiet Jennifer Abela vs Mary Anne Apap, Rikors numru 61/2023JM, jinsab differit għas-7 ta' Frar, 2023, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Ottubru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 19th September, 2023, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Jennifer Abela vs Mary Anne Apap, Application number 61/2023JM, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mary Anne Apap in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Jennifer Abela (ID 0569060M) vs Mary Anne Apap (ID 0172254M) filed before the Rent Regulation Board, on the 7th February, 2023, the applicant Jennifer Abela requested this Honourable Board to:

1. Hear and decide this cause according to the following requests without proceeding to trail in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Declare that the lease effected in favour of the respondent in relation to the premises 25, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa, is today terminated; and

3. Order the eviction of the respondent from the premises 25, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa, within a short and peremptory period.

With legal costs, the respondent is now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicant: Green Laws, 69, Triqil-Vlontin, Birkirkara

Respondent: 25, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa

The application in the names Jennifer Abela vs Mary Anne Apap, Application Number 61/2023JM has been postponed for hearing to the 7th February, 2023, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 13th October, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2086

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-22 ta' Novembru, 2022, fuq talba ta' Raymond Portelli et ġie ordnat biex

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 22nd November, 2022, following a request by Raymond Portelli

jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw is-sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 2244/2022 fl-ismijiet Raymond Portelli et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depositu u kontestwali fidi ta' ċens u subċens numru 2244/2022 ta' Raymond Portelli iben Anthony Portelli u Victoria Portelli née Sghendo, imwieled il-Gżira fis-6 ta' Lulju, 1964 (KI 377064M) u martu Giovanna Portelli bint id-decujus Joseph Buttigieg u Theresa née Bonello imwielda Tal-Pietà fis-6 ta' Lulju, 1964 (KI 347664M), it-tnejn residenti San Ġwann (30, Triq G. Despott, Il-Kappara, limiti ta' San Ġwann) vs Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-eredi jew suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa ta' Emanuel Sant Fournier iben Giorgio dei Conti Sant Fournier, imwieled Ħ'Attard u kien residenti Ħal Balzan, Alosia Attard Montaldo armla minn Amabile Attard Montaldo, bint Giorgio dei Conti Sant Fournier, imwielda Ħ'Attard u kienet residenti Tas-Sliema, Gwendalina Faremouth, mart Andrew Faremouth, bint Giorgio dei Conti Sant Fournier, imwielda Ħ'Attard u kienet residenti Tas-Sliema, Emilia Attard Montaldo, armla minn Adiste Attard Montaldo, bint Giorgio dei Conti Sant Fournier, imwielda Ħ'Attard u kienet residenti l-Furjana u Maria Calborne England mart Alfred Calborne England, bint Giorgio dei Conti Sant Fournier, imwielda l-Furjana u kienet residenti Tas-Sliema vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw eredi jew suċċessuri fit-titolu mhux magħrufa ta' Edgar Azzopardi iben Gabriele Azzopardi, imwieled Il-Belt Valletta u kien residenti Tas-Sliema, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-17 ta' Novembru, 2022, fejn Raymond Portelli (KI 377064M) u martu Giovanna Portelli (KI 347664M) esponew bir-rispett:

Illi huma subutilisti tad-dar numru sebgħa żbarra tmienja (7/8), Triq Brighella, Tas-Sliema, inkluża l-arja tal-imsemmija dar, is-sotterran, ġnien u bjar, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha bħala suġġetta għas-subċens annwu u perpetwu ta' €9.56, liema dar ġiet mogħtija lilhom b'titolu ta' legat f'sehem indaqs bejniethom mingħand Josephine Abdilla, armla minn Joseph Abdilla (KI 200724M), imwielda Cospicua fid-29 ta' Frar, 1924, bint Joseph Fenech u Nicasia née Attard li mietet fil-25 ta' Mejju, 2020, ġewwa Ħal Luqa, u dan permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono datat 14 ta' Mejju, 2012. (Testment hawn anness u mmarkat bħala Dokument A u pjanta (site plan) hawn annessa u mmarkata bħala Dokument B);

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Kap. 16 u jifdu dan iċ-ċens u subċens ai termini tal-istess liġi;

Illi l-ammont ta' €9.56 kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €191.20;

it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown direct owners in the records of the schedule of deposit number 2244/2022 in the names Raymond Portelli et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent and subgroundren number 2244/2022 in the name of Raymond Portelli son of Anthony Portelli and Victoria Portelli née Sghendo, born in Gżira on the 6th July, 1964 (ID 377064M) and his wife Giovanna Portelli daughter of the decujus Joseph Buttigieg and Theresa née Bonello born in Tal-Pietà on the 6th July, 1964 (ID 347664M), both residing in San Ġwann (30, Triq G. Despott, Kappara, limits of San Ġwann) vs Deputy Curators to represent the unknown heirs or the successors in title of Emanuel Sant Fournier son of Giorgio dei Conti Sant Fournier, born in Ħ'Attard and resided in Ħal Balzan, Alosia Attard Montaldo widow of Amabile Attard Montaldo, daughter of Giorgio dei Conti Sant Fournier, born in Ħ'Attard and resided in Tas-Sliema, Gwendalina Faremouth, wife of Andrew Faremouth, daughter of Giorgio dei Conti Sant Fournier, born in Ħ'Attard and resided in Tas-Sliema, Emilia Attard Montaldo, widow of Adiste Attard Montaldo, daughter of Giorgio dei Conti Sant Fournier, born in Attard and resided in Floriana and Maria Calborne England wife of Alfred Calborne England, daughter of Giorgio dei Conti Sant Fournier, born in Floriana and resided in Tas-Sliema vs Deputy Curators to represent the unknown heirs of successors in title of Edgar Azzopardi, son of Gabrile Azzopardi born in Valletta and resided in Sliema filed in the First Hall of the Civil Court on the 17th November, 2022, the applicants Raymond Portelli (ID 377064M) and his wife Giovanna Portelli (ID 347664M) respectfully submitted:

That they are sub-utilists of the house number seven stroke eight (7/8), Triq Brighella, Tas-Sliema, including the airspace of the said house, the subsoil, garden and wells, with all its rights and appurtenances as subject to the annual and perpetual subgroundrent of €9.56, which house was given to them by title of legacy in equal shares between them from Josephine Abdilla, widow of Joseph Abdilla (ID 200724M), born in Cospicua on the 29th February, 1924, daughter of Joseph Fenech and Nicasia née Attard who died on the 25th May, 2020, at Ħal Luqa, and this by means of a will in the records of Notary Jean Carl Debono dated 14th May, 2012. (Will here attached and marked as Document A and plan (site plan) here attached and marked as Document B);

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of the Civil Code Cap 16 and redeem this groundrent and subgroundrent in terms of the same law;

That the amount of €9.56 capitalised at the rate of 5% amounts to €191.20;

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qegħdin jiddepożitaw is-somma ta' €191.20 li huwa il-prezz tal-fidi sabiex tingħata liberament lill-intimati msemmija wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: 30, Triq G. Despott, Il-Kappara, limiti ta' San Ġwann

Notifiki: Direttur Reġistru Pubbliku
Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Audrey Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 22 ta' Novembru, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Ottubru, 2023

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the sum of €191.20 which is the price of redemption in order to be freely withdrawn by the respondents mentioned after leaving the relative receipt according to law.

Applicant: 30, Triq G. Despott, Kaparra, limits of San Ġwann

Notification: Director Public Registry
Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

Today 22nd November, 2022

Registry of the Superior Courts, today 13th October, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2087

ARB/C017/2022 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR TEMPORANJA

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Ottubru, 2023 mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Neville Camilleri, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Marshal Mallia)

Kontra

ANDREW AGIUS, tabib, ta' 46 sena, iben Godfrey u Concetta xebba Izzo, imwieled San Ġiljan, Malta, fit-23 ta' Frar, 1977, residenti ġewwa 29, 'Tara', Triq il-Gardell, San Ġwann, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 124077M.

ARB/C017/2022 – VARIATION OF A TEMPORARY FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 13th October, 2023, given by the Criminal Court (Hon. Mister Justice Dr Neville Camilleri, LLD). In the case:

The Police
(Inspector Marshal Mallia)

Versus

ANDREW AGIUS, doctor, 46 years, son of Godfrey and Concetta née Izzo, born in St Julian's, Malta, on the 23rd February, 1977, residing at 29, 'Tara', Triq il-Gardell, San Ġwann, and holder of Maltese identity card bearing number 124077M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat ANDREW AGIUS sabiex jesegwixxi s-segwenti pagamenti mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -2050 u li huwa miżmum mal-HSBC Bank Malta plc, hekk kif indikat fir-rikors iddatat 10 ta' Ottubru, 2023:

a) Pagament għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru H5731 0419236 miżmuma ma' GasanMamo Insurance Limited u l-liċenzja tat-triq tal-istess vettura miżmuma f'isem l-imputat fl-ammont ta' €329.74;

b) Pagament għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru 132330 690 002 miżmuma mal-Atlas Insurance PCC Limited fl-ammont ta' €502.85;

c) Pagament għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru P87001900 miżmuma mal-MAPFRE Middlesea plc fl-ammont ta' €185.95;

d) Pagament għat-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni bir-referenza numru P24049128 miżmuma mal-England Insurance Agency Limited u l-liċenzja tat-triq tal-istess vettura miżmuma f'isem l-imputat fl-ammont ta' €228.79;

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar temporanja mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Victor G. Axiak, LLD) fl-10 ta' Marzu, 2022, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-17 ta' Marzu, 2022, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' ANDREW AGIUS.

Illum 17 ta' Ottubru, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Court AUTHORISES the accused ANDREW AGIUS to carry out the following payments from the bank account listed in his name ending in -2050 and held at the HSBC Bank Malta plc, as mentioned in the application dated 10th October, 2023:

a) Payment of the renewal of the insurance policy with reference number H5731 0419236 held by GasanMamo Insurance Limited and the road license for the same vehicle held in the name of the accused in the amount of €329.74;

b) Payment for the insurance policy with reference number 132330 690 002 held by Atlas Insurance PCC Limited in the amount of €502.85;

c) Payment of the home insurance policy with reference number P87001900 held by MAPFRE Middlesea plc in the amount of €185.95;

d) Payment of the renewal of the insurance policy with reference number P24049128 held by England Insurance Agency Limited and the road license for the same vehicle held in the name of the accused in the amount of €228.79;

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, following a temporary freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Victor G. Axiak, LL.D) on the 10th March, 2022, which was published in the Government Gazette on the 17th March, 2022, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to ANDREW AGIUS.

Today 17th October, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2088

ARB/C066/2020 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Ottubru, 2023, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 686/2020, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JASON VELLA TABONE;

ARB/C066/2020 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 13th October, 2023, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD). Compilation Number 686/2020, in the case:

The Republic of Malta

Versus

JASON VELLA TABONE;

PIERRE GRECH CUMBO PILLOW, negozjant, ta' 47 sena, bin Augustine u Helen xebba Buhagiar, imwieled Ħ'Attard, Malta, fl-24 ta' Lulju, 1976, u residenti ġewwa Blue Harbour Shackleton, Fl A2, Ix-Xatt Ta' Xbiex, Ta' Xbiex, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 362376M.

U

PGP TRADING LIMITED;

Il-Qorti TAWTORIZZA lill-imputat PIERRE GRECH CUMBO PILLOW sabiex iħallas il-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura fl-ammont ta' mija, sitta u sebgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€176.50) u l-liċenzja tat-triq relattiva fl-ammont ta' mija u ħamsa u disgħin ewro (€195) tal-vettura msemmija fid-digriet tal-Qorti datat 13 ta' Ottubru, 2023. Dawn il-pagamenti għandhom isiru mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -4046 u li huwa miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Nadine Lia, LLD), fid-9 ta' Diċembru, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-24 ta' Diċembru, 2020, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Jason Vella Tabone, PIERRE GRECH CUMBO PILLOW, and PGP Trading Limited.

Illum 17 ta' Ottubru, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

PIERRE GRECH CUMBO PILLOW, businessman, 47 years, son of Augustine and Helen née Buhagiar, born in Attard, Malta on the 24th July, 1976, and residing at Blue Harbour Shackleton, Fl A2, Ix-Xatt Ta' Xbiex, Ta' Xbiex, and holder of Maltese identity card bearing number 362376M.

AND

PGP TRADING LIMITED;

The Court AUTHORIZED the accused PIERRE GRECH CUMBO PILLOW to pay the motor vehicle insurance policy in the amount of one hundred seventy-six euro and fifty cents (€176.50) and the relative road licence fee in the amount of one hundred and ninety-five euro (€195) of the vehicle listed in the Court decree dated 13th October, 2023. These payments must be carried out from the bank account listed on the accused ending in -4046 and held with Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Nadine Lia, LLD) on the 9th December, 2020, which was published in the Government Gazette on the 24th December, 2020, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Jason Vella Tabone, PIERRE GRECH CUMBO PILLOW, and PGP Trading Limited.

Today 17th October, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

2089

B'digrieti mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Awwissu, 2023, u fis-6 ta' Settembru, 2023, fuq rikors ta' Associated Marketing Limited (C16629) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 8 ta' Novembru, 2023, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'Mediplast Ltd, KW19M, Corradino Ind. Estate, Paola, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Sierra Stationery and Book Shop Limited (C75553).

Tliet (3) photocopies machines, ħames (5) water heaters, diversi universal refill pads, diversi paketti tat-tape ta' kulur kannella, levers arch files u diversi oġġetti oħra.

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu kif deskritti fl-atti tas-Subbasta numru 13/23.

By decrees given by the Civil Court, First Hall, on the 21st August, 2023, and 6th September, 2023, on the application of Associated Marketing Limited (C16629) Wednesday 08th November, 2023, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held at Mediplast Ltd KW19M, Corradino Ind. Estate, Paola, of the following items seized from the property of Sierra Stationery & Book Shop Limited (C75553).

Three (3) photocopies machines, five (5) water heaters, several universal refill pads, serveral packets of brown coloured tape, levers arch files and several other items.

N.B. The said items will be sold as described in the acts of judicial sale file number 13/23.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 17 ta' Ottubru, 2023

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Tuesday 17th October, 2023

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

2090

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-28 ta' Settembru, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 943/2023GM li ġie ppreżentat fit-23 ta' Awwissu 2023, fl-ismijiet: Sicilmal Trading Ltd vs Gauci Borda Joseph, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas l-ammont ta' sittax-il elf, sitt mija u tnejn u erbgħin ewro u tnax-il ċenteżmu (€16,642.12ċ). Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li huma inġunti għas-subizzjoni.

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 28th September, 2023, in the acts of Sworn Application number 943/2023GM which was presented on the 23rd August 2023, in the names: Sicilmal Trading Ltd vs Gauci Borda Joseph, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Condemn the respondent to pay the amount of sixteen thousand, six hundred and forty-two euro and twelve cents (€16,642.12c). With all costs against the respondent who is now summoned so that a reference to his evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-27 ta' Novembru, 2023, fl-9.40 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 27th November, 2023, at 9.40 a.m.

Notifika Intimat: Gauci Borda Joseph, 14, Kassiopi Mansions, P/Hse 3, Triq id-Difa, Is-Siġġiewi

Notification Respondent: Gauci Borda Joseph, 14, Kassiopi Mansions P/Hse 3, Triq id-Difa, Siġġiewi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ottubru, 2023

Register of the Superior Courts, today 6th October, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2091

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Jannar, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 833/2022MH, li ġie ppreżentat fil-15 ta' Settembru, 2022, fl-ismijiet: K & K Ventures Ltd vs Falzon Dorianne, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas l-ammont ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000). Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata li huma inġunti għas-subizzjoni.

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 25th January, 2023, in the acts of Sworn Application number 833/2022MH, which was presented on the 15th September, 2022, in the names: K & K Ventures Ltd vs Falzon Dorianne, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Condemn the defendant to pay the amount of twenty-two thousand euros (€22,000).With all costs against the respondent who is now summoned so that a reference to her evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-29 ta' Novembru, 2023, fid-9.30 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 29th November, 2023, at 9.30 a.m.

Notifika Intimat: Falzon Dorianne, 101, Blk D, Rossi Neri, Triq il-Brunżar, Santa Venera

Notification Respondent: Falzon Dorianne. 101, Blk D, Rossi Neri, Triq il-Brunżar, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ottubru, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Register of the Superior Courts, today 6th October, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2092

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Settembru, 2023, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 985/2023/1ISB, li ġie ppreżentat fit-13 ta' Ġunju 2023, fl-ismijiet: Aklah Kassim et vs Mercieca Alex sive Alessandro sive Alexander, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna l-ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat.

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 25th September, 2023, in the acts of the Warrant of Prohibitory Injunction number 985/2023/1ISB, which was presented on the 13th June 2023, in the names: Aklah Kassim et vs Mercieca Alex sive Alessandro sive Alexander, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Order the issuance of this Warrant of Prohibitory Injunction against the respondent.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-27 ta' Novembru, 2023, fid-9.30 a.m.

The warrant of Prohibitory Injunction in the names mentioned above is adjourned to 27th November, 2023, at 9.30 a.m.

Notifika Intimat: Alessandro sive Alex Mercieca, 4, Anil, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Notification Respondent: Alessandro sive Alex Mercieca. 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Ottubru, 2023

Register of the Superior Courts, today 16th October, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2093

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-8 ta' Ottubru, 2023, u dan wara Rikors b'numru 1013/2023, ordnat:

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 8th October, 2023, and upon an application numbered 1013/2023, ordered:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li meta l-Att tat-Twelid esteru ta' Diviya Chopra Magaro jiġi biex ikun reġistrat ġewwa Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni biex l-isem 'Deviya' jiġi primarjament mibdul għal 'Diviya Kumari' u biex sussegwentement l-isem 'Diviya Kumari' jiġi mibdul għal 'Diviya Chopra'. Kif ukoll tordna li meta l-Att taż-Żwieġ esteru tagħha jiġi biex ikun reġistrat ġewwa Malta, jsiru l-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet neċessarji biex l-isem: 'Diviya Kumari' jiġi mibdul għal 'Diviya Chopra'.

The Director of the Public Registry that when the foreign Act of Birth of Diviya Chopra Magaro comes to be registered in Malta, he makes the appropriate annotations or corrections so that the name 'Deviya' is primarily changed to 'Diviya Kumari' and to subsequently change the name 'Diviya Kumari' to 'Diviya Chopra'. Moreover, also orders that when her foreign Act of Marriage comes to be registered in Malta, the necessary corrections or annotations are made so that the name: 'Diviya Kumari' is changed to 'Diviya Chopra'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Illum l-Erbgħa 11 ta' Ottubru, 2023

Today, Wednesday 11th October, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*